# *Kif l- INĦAWI saru "RĦULA" u "PARROĊĊI" ġodda f'Għawdex fl-1688*

*Minn "Vox Veritatis" (Victoria)*



**Għal medda twila ta' snin, fil-gżira tagħna kien għad hawn żewġ parroċċi biss li t-tnejn kienu fir-Rabat: Il-Matriċi u San Ġorġ. Il-kampanja kollha Għawdxija kienet tiddependi minnhom, u n-nies kienu mifruxa fi gruppi żgħar f'diversi nħawi, l-aktar fi rziezet u djar żgħar fin-naħat kollha, fuq għoljiet u f'widien, fi pjanuri ta' egħlieqi jew ukoll qrib il-baħar. Kienu nies li ħafna minnhom kellhom għixien tagħhom jiddependi mir-raba' jew mis-sajd. In-nies fl-inħawi tal-kampanja ma setgħux jissejħu bħala 'rħula' jekk ma kienux f'numru kbir. Ma kellhomx awtonomija proprijà, b'limiti determinat. Kienu jissejħu "naħat" jew "postijiet" fejn igħammru xi nies flimkien.**

Meta fl-1688 l-inħawi ta' Sannat, tax-Xagħra, tal-Qala, u taż-Żebbuġ ġew maqtugħa mir-Rabat u saru "parroċċi" għal rashom, allura ma baqgħux jissejħu "nħawi" imma saru tassew magħrufa bħala "irħula", kif għadhom jissejħu sal-lum. Bħala parroċċi ġodda, magħhom bdew jagħmlu "kontradi" (nħawi) oħra tal-qrib u li kienu saru parti mil-limiti tal-parroċċa kif assenjat lil kull waħda minnhom fid-digriet ta' l-Isqof Cocco Palmeri u fl-att notarili ta' Giovanni B. Dorbes, fit-28 ta' April 1688. Hekk per eżempju: Sannat ġabar fih l-inħawi tal-Munxar, Ta' Ċenċ, Tal-Bordan, ecc. Meta mbagħad fit-12 ta' Diċembru 1957 in-naħa tal-Munxar inqatgħet minn Sannat u saret parroċċa għaliha, ma baqax jissejjaħ iktar bħala "kontrada" (naħa) ta' Sannat, imma sar raħal ieħor għalih u bil-limiti proprji tiegħu. Hekk illum il-Munxar ġabar miegħu l-kontradi ta' Ras il-Bajjada, Taż-Żawwi, Ta' Marziena, ecc., li qabel kienu jagħmlu mar-raħal ta' Sannat.

## IL-KAŻ TAL-QALA

Għall-istess raġuni, billi l-Qala bil-knisja tagħha taħt it-titlu ta' "Santa Marija tal-Qala" kienet intagħżlet u ġiet maħtura bħala parroċċa ġdida biex isservi għar-reġjun tal-Lvant kollu ta' Għawdex, u b'limiti determinati, nistgħu ngħidu bla dubju jew tlaqliq li bil-forza tad-digriet ta' l-Isqof Cocco Palmeri fl-1688 il-Qala ġie dikjarat "raħal" (bil-latin "casale") daqskemm ukoll "parroċċa". U għalhekk mill-1688 'l quddiem il-Qala bdiet tiġbor fiha dawk in-naħat kollha ("contradi") li kienu jeżistu fl-istess reġjun tagħha, skond il-limiti determinat fl-istess digriet episkopali. Fost oħrajn, dawn in-naħat kienu n-Nadur, Għajnsielem, ir-Ramla, u anke Kemmuna.

Sakemm il-parroċċa "Santa Marija tal-Qala" ġiet trasferita għal knisja parrokkjali ġdida fin-naħa ta' l-għolja jew wesgħa kbira msejħa "Ta' Nadur", u dan għal madwar xi sittax il-sena, il-kontrada tan-Nadur ma setgħetx tissejjaħ "raħal", wisq u wisq inqas "parroċċa", għax kienet għadha parti ntegrata mat-territorju tal-Qala, kif spjegat ċar ħafna fid-digriet episkopali u fl-att notarili ta' l-1688:"... **Tal Cala con sue pertinenze, cioe' Nadur, Comino, e Ramla"**. Kif igħid il-proverbju latin: **"Major trahat ad se minorem"**. U kien għalhekk li n-Nadur, wara xi sittax il-sena mindu kien ħareġ id-

digriet tal-1688, mal-bini tal-knisja parrokkjali ġdida żdied ukoll fil-popolazzjoni tiegħu bil-bini ta' djar ġodda madwar il-knisja. Hekk in-naħat tan-Nadur, mat-trasferiment tal-parroċċa fis-"sede" l-ġdida beda jissejjaħ ukoll "raħal". Qabel bdiet tiffunzjona l-knisja parrokkjali ġdida, skond ix-xewqa ta' l-Isqof Cocco Palmeri, in-Nadur kien għadu jissejjaħ "contrada" (naħa) u mhux "parroċċa" jew "raħal".

Infatti, l-ewwel darba li n-Nadur ġie msejjaħ "casale", jiġifieri raħal, kien ħdax il-sena wara t-twaqqif tal-parroċċa fil-Qala. Fil-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Cocco Palmeri fis-26 ta' Ottubru 1699, insibu għall-ewwel darba tissemma l-knisja parrokkjali ġdida bħala "nova Parrochialis sub invocatione Sanctorum Apostolorum Petri et Pauli **in Casali sive Regione** Nadur". L-istess dokument igħid fl-aħħar li l-Isqof mar jara fhiex kienet waslet il-knisja l-ġdida tal-parroċċa: "... profectus est ad Casale Nadur et visitavit fabricam nova Ecclesia Parochialis, quae in superiori parte huius contratae..." (ara A.A.M., Visit.26, ff.442 u 444). Minn hawn jidher ċar li n-Nadur beda' jissejjaħ "raħal" **(casale)** ħdax il-sena wara t-twaqqif tal-parroċċa. In-Nadur biex sar "parroċċa" bil-knisja ġdid tiegħu, wiret dak kollu li l-Qala kellha matul is-sittax il-sena sakemm sar it-trasferiment għall-knisja parrokkjali ġdida fin-Nadur. Dawn huma fatti dokumentati.

Mela, m'hemmx dubju li l-parroċċa bdiet fil-Qala u damet il-Qala mhux anqas minn ħdax il-sena u mhux aktar minn sittax il-sena, sakemm il-knisja parrokkjali ġdida bdiet tiffunzjona (meta **eżatt** ma nafux) fin-Nadur. Dan ma jissejjaħx metodu "proviżorju" ta' parroċċa fil-Qala għan-Nadur, kif ippruvaw jinterpretawh xi wħud. Dan jissejjaħ "trasferiment" parrokkjali minn raħal għal raħal, kif jixhdu d-dokumenti. "Santa Marija tal-Qala" imkien ma tissejjaħ "parroċċa proviżorja", imm **vera parroċċa** għal lvant kollu ta' Għawdex bejn l-1688 u l-1699. Għal mhux inqas minn ħdax il-sena sħaħ!

## INTERPRETAZZJONIJIET ĦŻIENA

Kieku Patri Alexander Bonnici fehem sewwa din il-"premissa" storika u żammha bħala bażi fundamentali, żgur li ma kienx jaqa' fil-konkluzjonijiet banali u l-interpretazzjonijiet ħżiena li ħareġ bihom fil-kotba, rivisti u artikli fil-ġurnal matul din is-sena. U għalhekk nixtieq nagħmillu dawn l-osservazzjonijiet biex forsi jibda' jara kemm mar żmerċ f'din il-polemika:

(1) Bonnici qalilna kemm il-darba li "Haber kien iħossu offiż jekk isejħulu kappillan tal-Qala". Mnejn ġabha din ma nafx. Ma tidher **fl-ebda** dokument, reġistru, jew manuskritt. Imma xorta waħda nistaqsih: Għaliex taħseb hekk? Jekk Haber kien kappillan tal-Qala ma kienx ukoll kappillan tan-Nadur, u vice versa?! Forsi kien xi diżunur li tkun kappillan tal-Qala meta Cocco Palmeri ma staħax isemmiha b'rispett u qima għal tant drabi fid-dokumenti li ħallielna? Forsi ma tafx li biex Haber laħaq kappillan riedet tkun għalih "Santa Marija tal-Qala"?! U kif seta' Haber isir kappillan fl-1688 ta' parroċċa li kienet għadha ma bdietx teżisti fin-Nadur qabel l-1699 jew aktar tard?! Allura sa' meta tlestiet il-knisja parrokkjali fin-Nadur, Haber kien bħal ħmar bla karrettun, jew kap bla sudditi, inkella missier bla wlied?! U kieku kellu jiġri li l-knisja ġdida fin-Nadur ma setgħetx tinbena' għal xi raġuni jew oħra, ta' fejn kien ikun kappillan Haber u s-suċċessuri tiegħu?! Jekk in-Nadur wiret il-parroċċa tal-Qala bis-saħħa ta' knisja ġdida li nbiet hemmhekk, allura għaliex tiċħad li għal xi sittax il-sena sħaħ "Santa Marija' tal-Qala' kienet tassew parroċċa?! Mela hemm xi ħadd li jista' jagħti milli m'għandux?

(2) Fil-ktejjeb tiegħu "In-Nadur isir Parroċċa fis-Sena 1688" Bonnici ħareġ igħidilna wkoll li "Dun Bernard Haber ġie mqiegħed kappillan tar-reġjun jew kontrada ta' Santa Marija tal-Qala" imma fl-istess ħin il-kelmiet "knisja parrokkjali" fid-digriet ta' l-Isqof ma jeżistux (ara p.9). Anke jekk dawk il-kelmiet ma jidhrux espliċitament fid-digriet, imma ċertament jeżistu mpliċitament. Għax kif Haber seta' jkun kappillan ta' reġjun jew kontrada bla ma jkollu knisja jew almenu kappella li tissejjaħ bir-raġun u bi dritt "knisja parrokkjali"? Mela Bonnici d-Drittu Kanoniku ma studjahx?! U jekk l-Isqof ma jsemmix knisja oħra eżistenti ħlief dik ta' Santa Marija tal-Qala, allura ta' fejn kien kappillan Haber u fejn ħadu l-pussess?! F'għalqa, fejn **kellha** tinbena' l-knisja parrokkjali?! Jaqaw jeżisti xi kappillan bla knisja parrokkjali ġa' eżistenti?! U jekk Haber kellu jistenna xi sittax il-sena biex ikollu waħda, għaliex l-Isqof sejjaħlu bħala kappillan ta' Santa Marija tal-Qala u mhux ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur?! U sa' xħin tlestiet il-knisja ġdida fin-Nadur, kif setgħet il-knisja "Santa Marija tal-Qala" ma tkunx il-knisja parrokkjali li għal xi sittax il-sena sħaħ serviet flok il-Matriċi u ndipendentament mill-Matriċi għal-lvant kollu ta' Għawdex? Allura għaliex Cocco Palmeri ma għamilx lil "Santa Marija tal-Qala" bħala viċendarja għall-Matriċi sakemm titlesta l-knisja parrokkjali l-ġdida?

(3) Bonnici qalilna wkoll li s-silta bil-latin "de praedictis Ecclesiis Parochialibus sic noviter erectas" tapplika għall-knejjes ġodda li kellhom jinbnew, u mhux għal dawk ġa eżistenti. Kieku kellu jkun hekk, allura Cocco Palmeri kien daqshekk bla moħħ li jwaqqaf parroċċi kontra l-liġijiet tal-Knisja?! Jew inkella lanqas Cocco Palmeri ma kien jaf sewwa l-latin, biex flok "sic noviter erigendis" kiteb "sic noviter **erectas**"?!

(4) F'paġna 19 ta' l-istess ktejjeb, Bonnici jgħidilna: "Din ta' Patri Pelagju hi nterpretazzjoni eżatta: Santa Marija tal-Qala serviet ta' parroċċa, fi żmien meta n-Nadur kien diġa' parroċċa". Issa Bonnici stess qalilna li Patri Pelagju kiteb hekk xi sittin sena wara d-digriet ta' Cocco Palmeri. allura mhux bilfors kellu jgħid hekk dwar in-Nadur galadarba n-Nadur kien parti mill-parroċċa tal-Qala għal sittax il-sena sakemm sar it-trasferiment tal-knisja parrokkjali? Mela n-Nadur baqa' jagħmel mal-Matriċi meta tlestiet il-knisja l-ġdida?! Mhux diġa' kien sar parroċċa meta l-Qala saret parroċċa? U li kieku "Santa Marija tal-Qala" ma saritx parroċċa fl-1688, in-Nadur seta' jsir?! U li kieku l-Isqof ma ordnax il-bini ta' knisja ġdida fin-Nadur, it-trasferiment mill-Qala għan-Nadur seta' jsir mingħajr digriet ieħor ġdid?

(5) Żball kbir ieħor ta' Bonnici huwa dak meta qal li "l-erba' qassisin li ħatar l-Isqof għall-eżerċizzju tal-kura tal-poplu, jiġifieri l-kappillani, ma kinux għall-erba' parroċċa ġodda li ġew imwaqqfa, iżda għal dawk li kellhom jinbnew

fihom il-knejjes". Mela skond dan l-argument bla sens, nistgħu nikkonkludu li fis-sena 1688 ma twaqqfet l-ebda parroċċa ġdida u ma sar l-ebda kappillan effettiv! Kien biss pjan għall-futur ta' għelieqi fejn kellhom jinbnew il-knejjes Alla biss jaf meta! Hekk jew mhux hekk, Sur Patri?! Allura kif il-knejjes "qodma" bdew jiffunzjonaw qabel il-ġodda? Allura għaliex il-kappillani ħadu l-pussess tagħhom fil-knejjes "qodma" qabel inbnew il-ġodda? Allura għaliex bdew jinżammu r-reġistri parrokkjali għal kull avveniment pastorali u sagramentali **qabel** ma tlestew il-knejjes il-ġodda? Allura x'fettlilhom l-erba' parroċċi l-ġodda jiċċelebraw it-twaqqif tagħhom din is-sena (u magħhom anke min ma kellux dritt!), u mhux fis-sena ta' meta bdew jiffunzjonaw il-knejjes ġodda li bnew?!



(6) Biex ikompli jgħaffeġ fl-argumenti bla sens tiegħu, Bonnici wasal biex ikkonkluda li "Santa Marija tal-Qala kien għad fadlilha tistenna sas-sena 1872 biex joħroġ editt li jaqtagħha parroċċa. Tul dak iż-żmien, hi kienet għadha filjali tan-Nadur, kif isejħula d-dokumenti" (p.19). Dan ifisser, skond Bonnici, li d-dokumenti kollha episkopali bejn l-1687 u l-1699, kull meta jsemmu lil "Santa Marija tal-Qala" bħala parroċċa jew knisja parrokkjali, huma kollha kemm huma qarrieqa! Temmnux lil Cocco Palmeri, qed igħidilna Bonnici fi kliem ieħor, għax kien qed jipprofetizza biss x'kellu jiġri fl-1872 lill-knisja ta' Santa Marija tal-Qala, u mhux dak li sar dak inhar fl-1688! Hekk jew mhux hekk, Sur Patri? Ħaġa oħra: tista' tgħidilna f'liema dokument bejn is-snin 1687 u 1699 sibt li Santa Marija tal-Qala hija "filjali" tan-Nadur? Ma nagħmlux mod li bdejt tħawwad id-dokumenti ta' Cocco Palmeri ma' ta' Grech Delicata, hux?! Dan kif mill-1688 qbiżt għall-1872?!

(7) Bonnici jħobb jinqeda' ħafna bil-kappillan Haber biex minn għalih jikkonvinċina li fl-1688 il-parroċċa saret fin-Nadur jew għan-Nadur. Igħidilna li "l-Isqof wissieh biex qatt ma jsejjaħ lilu nnifsu kappillan tal-Qala", li "Haber qatt ma ra l-knisja ta' Santa Marija tal-Qala bħala l-knisja parrokkjali tiegħu", li "Haber sejjaħ lilu nnifsu" u "kien jissejjaħ Kappillan tan-Nadur", ecc. (ara p.20-23 fil-ktejjeb "In-Nadur isir Parroċċa"). Fejn sab l-ewwel u t-tieni asserzjoni għadna ma nafux. Kif interpreta u nqeda bir-reġistri parrokkjali tan-Nadur u tax-Xewkija dwar it-tielet u r-raba' argument jaf kulħadd. Tajjeb! Issa ħa ngħidlu waħda jien: Min kien dak li ma kienx jaf x'inhu jagħmel meta kiteb: "In parochum et rectorem regionis sive contratae Sanctae Mariae de la Cala sacerdotem Dom Bernardum Haber"?! Min kien dak li tant kien bla ras li anke għaxar snin wara t-twaqqif tal-parroċċa ġdida u tal-kappillan ġdid, kiteb: "Visitatio Parochialis Ecclesiae sub titulo Beatae Mariae Virginis Casalis Calae... cuius ecclesiae curam gerit Dom Bernardus Haber primus Parochus"?! Allura, jekk hu veru dak li Bonnici jsostni dwar Haber, mela jew Haber kien kappillan falz inkella bla ras! Allura, jew kien ħaqqu sospensjoni inkella jibgħatuh il-manikomju! Li tiġi maħtur kappillan ta' knisja u żżomm lilek innifsek bħala kappillan ta' oħra li għad trid issir, hija rregolarità ekkleżjastika li tirrendik traditur, ipokrita, ribelli, jew miġnun...

(8) Naħseb li Patri Bonnici studja xi ftit filosofija. Imma minn dak li kiteb fl-istess ktejjeb f'paġna 24, jidher li ma tantx iħabbel rasu biha. Qalilna li "kollox juri b'ċertezza u mingħajr l-ebda dell ta' dubju li mid-digriet tat-28 t'April 1688, il-knisja li nbniet fuq l-għolja Ta' Nadur **kellha tkun** il-parroċċa." Jaqaw ma jafx li l-possibilità tesiġi l-eżistenza? Ma jafx xi jfisser li "a posse ad esse non valet illatio"?! Jiġifieri, li dak li jista' jkun ma tistax tgħid li diġa' hu? Li l-ebda ħaġa ma tista' tkun u fl-istess ħin ma tkunx? Li ħaġa li għadha mhix, għalkemm tista' ssir tista' wkoll ma ssirx? Mela, il-konklużjoni **vera** li n-Nadur ma sarx parroċċa 300 sena ilu joħroġha Bonnici nnifsu meta jgħid li **"kellha tkun"**. Allura ma kienitx fl-1688.

(9) It-tieni konklużjoni li jerġa' jiġbed Bonnici hija "Dun Bernard Haber jissejjaħ il-Kappillan tan-Nadur f'dokumenti uffiċjali". Jaf Bonnici l-prinċipji li "testis unus testis nullus"? (Xhud wieħed mhu xhud xejn!). Dan ix-xhud kien il-kappillan tax-Xewkija, b'kelma waħda biss, forsi miktuba bi żball wkoll, għax tmur kontra l-verità msemmija fid-dokumenti episkopali, li lkoll igħidu l-istess ħaġa: "Dun Bernard kappillan u rettur tal-parroċċa Santa Marija tal-Qala". U kappillani oħra x'igħidu?! Fejn hi l-prova li "fl-1691 **żgur** li l-kappillani kienu jagħarfu lil Haber bħala Kappillan tan-Nadur"?!

Fejn hu **żgur?!** F'moħħ Bonnici biss? **Għax** veru riedu jkunu kollha mġienen il-kappillani t'Għawdex biex jaħtru lil Haber "kappillan tan-Nadur" meta kien għadu fil-Qala!

(10) Konklużjoni oħra banali ta' Bonnici hija tixbiha tad-daħq! Qal li "il-Qala kienet tagħmilha ta' parroċċa bħalma Aġent President jagħmilha biss ta' President"! Ma nafx l-Eċċellenza Tiegħu s-Sur Pawlu Xuereb x'igħid għaliha din... Imma fil-każ tal-Qala assolutament ma tapplikax, għax fid-digriet tat-28 t'April 1688 Cocco Palmeri **qatt** ma ddikjara jew sejjaħ il-Qala bħala **Viċi** Parroċċa jew Parroċċa Viċendarja. Kieku Cocco Palmeri riedha tkun hekk, lanqas biss **kien ikun meħtieġ li**

joħroġ digriet, skond in-normi tal-Knisja. Bħalma ma kienx meħtieġ digriet ieħor ġdid biex il-parroċċa tiġi trasferita għan-Nadur xi sittax il-sena wara! Għax sadattant in-Nadur kien parti mill-parroċċa tal-Qala.Rigward il-paragun ma' l-Aġent President m'hemmx parità, għaliex Viċi President hu ndividwu, u Viċi Parroċċa hija entità lokali. Ta' l-ewwel hu persuna ndipendenti, tat-tieni hija komunità dipendenti. Viċi Parroċċa tiddependi f'kollox mill-kappillan tal-parroċċa li tagħna tkun viċi. Il-knisja ta' Santa Marija tal-Qala, għax kienet vera parroċċa, ma kienet tiddependi minn ħadd ħlief mill-Isqof. Kieku kellha tkun kif qal Bonnici, jiġifieri **"tagħmilha** ta' parroċċa biss", allura kienet tibqa' tiddependi mill-Matriċi... u mhux minn għalqa fin-Nadur!



Hemm ħafna iktar osservazzjonijiet x'nagħmel fuq dak kollu li kiteb Patri Bonnici, speċjalment fil-ktejjeb li semmejt, imma l-ispazju ma jippermettilix fuq din ir-rivista. Nagħlaq b'kumment ieħor dwar is-Santwarju għażiż tal-Qala. Bonnici sejjaħlu "Santwarju **meqjum,** imma **maqtugħ mill-qalba tal-popolazzjoni" ('Caption taħt ir-ritratt f'p. 13).** X'paragun odjuż ma' dak li kiteb taħt ir-ritratt tal-knisja tan-Nadur f'paġna 23! Għalkemm jien m'għandi x'naqsam xejn la mal-Qala u lanqas man-Nadur, ktibt dan kollu għax ma niflaħx nissaporti lil min jipprova jħammeġ lil ħaddieħor biex jidher sabiħ hu! Sakemm Bonnici lis-Santwarju antik u għażiż tal-Qala sejjaħlu "meqjum" qal il-verità bla ma żied il-ġieħ li dan is-Santwarju baqa' jgawdi mal-medda tas-sekli. Iżda meta qal ukoll li hu "maqtugħ" mill-qalba tal-popolazzjoni, dan qalu biex iċekken il-qima li għandu. Jekk hu tassew versat fl-istorja ta' Għawdex, jista' jgħidilna ftit fejn kienet il-qalba tal-popolazzjoni fir-reġjun tal-Lvant t'Għawdex fl-1688?

Ngħidlu jien! **IMKIEN!** Għax f'dak ir-reġjun, kif jixhed sewwa d-dokument tal-Viżta pastorali ta' Cocco Palmeri fl-4 ta' Mejju 1687, in-nies kienu mifruxa f'irziezet u djar żgħar li kont tista' ssejħilhom għerejjex mifrudin u mxerrdin mal-kontradi kollha. Tant hu hekk li ebda waħda mill-"contradi" (naħħat) ma kienu jissejħu "casale" (irħula). U jekk is-Santwarju ftit kellu nies madwaru, ara ma jmurx jaħseb Bonnici li n-Nadur kien hemm l-eluf f'dak iż-żmien! Altru li m'hemmx paragun mar-ritratt li ġab f'paġna 23. Huwa unur għal storiċi tassew speċjalizzati u onesti meta jiddeskrivu u jiktbu bi preċiżjoni dwar dak li hu antik, b'rispett sħiħ lejn il-verità sħiħa. Inkella jkunu biss opportunisti ta' l-istorja, u l-kitba tagħhom ma tkun xejn aktar minn "a detailed narration of events which never happened".